**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 21 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru 91/2018**

**Robert Cardona**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Robert Cardona** fil-31 ta' Awwissu 2018 li permezz tieghu ppremetta is-segwenti:-

*"Illi b'decizjoni mehuda mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta b'ittra datata 18 ta' Lulju 2018 ir-rikorrent gie mgharraf illi l-licenzja tas-sewqan tieghu giet revokata skont ir-Regolament 36C ta' Ligi Sussidjarja 65.18 peress li r-rikorrenti akkumula tnax-il punt penali;*

*Illi l-esponenti ghandu bzonn l-imsemmija licenzja tas-sewqan peress li huwa xjenzat espert tal-Onorabbli Qorti kif ukoll xjenzat fil-qasam tal-ikel u l-uzu tal-karozza huwa indispensabbli ghall-qadi ta' dmiru: huwa dejjem on call 24 siegha kuljum kemm ghall-esigenzi tal-Onorabbli Qorti kif ukoll ghas-settur tal-cetering;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka d-decizjoni tar-revoka billi jerga' jinghata l-licenzja tas-sewqan halli jkun jista' jkompli bl-attivita' tax-xoghol tieghu u dana taht il-provedimenti kollha li l-istess Onorabbli Tribunal jidhirlu opportuni."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ipprezentata fit-12 ta' Settembru 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Preliminarjament flimkien mar-rikors tal-appell promotur ir-rikorrent kellu jressaq ukoll lista' ta' xhieda li bi hsiebu jressaq, izda dan ma sarx, u ghalhekk ghandu qabelxejn jigi sanat dan in-nuqqas.*

*Illi, fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ratione materiae biex jisma' u jiddeciedi l-kaz odjern.*

*Dan ghaliex l-artikolu 5(2) tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza generali li jirrevedi atti amministrattivi li jistghu jigu riveduti skont l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili izda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jigi preskritt f'dan l-Att jew tahtu jew kull ligi ohra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi".*

*L-artikolu 40(1) tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi "It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeciedi:*
*(a) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'***decizjoni** *tal-Awtorita' li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew licenza jew permess jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenza".*

*Fil-kaz odjern mhemm ebda* **decizjoni** *maghmula mill-Awtorita' intimata izda sempliciment hrug ta' avviz illi johrog awtomatikament mill-Awtorita' intimata li fost il-funzjonijiet regolatorji taghha hemm il-licenzja tas-sewqan ta' vetturi fit-toroq, appena din giet informata illi l-appellant lahaq 12-il punt penali.*

*Dan il-fatt, u cioe' l-hrug tal-avviz li jiskatta awtomatikament mill-provvedimenti tal-artikolu 36C tal-L.S. 65.18 b'mod awtomatizzat u <u>minghajr ebda process decizjonali</u> kwalsijasi, certament li ma jikkostitwix* **decizjoni** *ghall-finijiet tas-sucitat artikolu 40(1)(a) tal-Kap. 499 u kwindi jezorbita mill-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ai termini tas-sucitat artikolu 5(2) tal-Kap. 490.*

*Illi, di piu', u din it-tieni eccezzjoni tallaccja mal-ewwel eccezzjoni fuq moghtija, minn qari tar-Rikors promotur intavolat mir-rikorrent Robert Cardona, effettivament huwa m'ghandu ebda aggravju illi fuqu qed isejjes l-appell tieghu oltre milli l-fatt li l-uzu tal-vettura hija essenzjali ghalih fl-ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu. Konsegwentement dan ifisser illi r-rikorrent mhuwiex qieghed jappella minn ebda* **decizjoni** *tal-Awtorita' appellata izda qieghed sempliciment jikkontesta l-fatt illi ttehditlu l-licenjza tas-sewqan una volta li akkumula 12-il punt penali u ghalhekk certament illi tali kontestazzjoni ma tittientrax fil-parametri tal-artikolu 40(1)(a) tal-Kap. 499.*

*Ghaldaqstant l-azzjoni intavolata mir-rikorrent konsistenti f'appell minn decizjoni tal-Awtorita' appellata meta effettivament l-Awtorita' appellata ma tat ebda decizjoni assolutament ma treggix.*

*Illi, fil-mertu, una volta illi r-rikorrent akkumula tnax-il punt penali, il-ligi tistipula illi* ***awtomatikament*** *u minghajr il-htiega ta' ebda* ***decizjoni*** *tiskatta s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u ghalhekk l-appell intavolat mir-rikorrent huwa kompletament infondat u bla ebda bazi legali u ghalhekk ghandu jigi sommarjament michud bl-ispejjez kontra tieghu. "*

Ra n-Nota tar-rikorrenti li permezz taghha iddikjara li r-rikors promutur huwa msejjes *inter alia* fuq artikolu 30 (2) tal-Kodici Kriminali;

Ra illi gie ordnat li tigi trattata t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata sabiex tigi deciza b'mod preliminari peress li tolqot il-kompetenza ta' dan it-Tribunal;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet dwar it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita`;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'ittra tal-Awtorita` intimata datata 18 ta' Lulju 2018 fejn gie infurmat li l-licenzja tas-sewqan tieghu kienet giet revokata skond Regolament 36C tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 peress li kien akkumula tnax-il punt penali. Huwa jispjega illi huwa ghandu bzonn l-imsemmija licenzja minhabba n-natura tax-xoghol tieghu u ghalhekk talab lil dan it-Tribunal jirrevoka d-decizjoni tar-revoka tal-licenzja tas-sewqan.

Illi l-Awtorita` intimata eccepiet illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza *ratione materiae* jisma' u jiddeciedi r-rikors odjern u dan ghaliex ir-revoka tal-licenzja mhix decizjoni tal-Awtorita` intimata izda dak li rcieva r-rikorrent kien semplicement avviz li johrog awtomatikament malli persuna tilhaq tnax-il punt penali fuq il-licenzja tas-sewqan.

Illi l-Qorti tosserva illi skond Regolament 36C tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 (Regolamenti Dwar Licenzji ghas-Sewqan Ta' Vetturi Bil-Mutur) *"Liċenza tas-sewqan sħiħa tiġi revokata jekk, fi kwalunkwe żmien matul kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar, id-detentur tagħha jkollu b'kollox tnax-il punt ta' penali jew aktar."*

Illi ghalhekk minn qari ta' dan ir-Regolament jirrizulta illi l-Awtorita` intimata ma taghmel l-ebda decizjoni u m'ghandha l-ebda diskrezzjoni jekk tirrevokax jew le tali licenzja. Dak li jintbaghat lil detentur ta' licenzja tas-sewqan ladarba jkollu tnax-il punt ta' penali huwa semplicement avviz li jinformah bi stat ta' fatt. Fil-fatt li kieku r-rikorrent deher quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja jew Magistrat, dawn kien ikollhom id-dritt li jikkonfiskawlu tali licenzja malli lahaq it-tnax-il punt. F'dan il-kaz jidher li l-kontravvenzjonijiet ma gewx kontestati quddiem Tribunal jew Qorti u ghalhekk kienet l-Awtorita` intimata li kellha d-dmir li tohrog tali avviz.

Illi ghalkemm huwa veru li jezisti dritt ta' appell minn decizjoniet tal-Awtorita` intimata, kif inhu msejjes dan l-appell, l-avviz in kwistjoni ma jinkwadrax ruhu bhala decizjoni li tista tigi appellata. Skont ir-rikorrent stess[1] ir-rikors huwa msejjes fuq artikolu 30 (2) tal-Kodici Kriminali li jghid hekk: "*kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifi ka minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:*

*Iżda, meta talba taħt dan is-subartikolu tiġi miċħuda, ma tistax tiġi milqugħa talba oħra fuq l-istess ħaġa jekk issir fi żmien tliet xhur mid-data taċ-ċaħda.*"

Illi certament dan it-Tribunal mhux il-*forum* idoneu biex jezamina t-talba tar-rikorrenti abbazi ta' dan l-artikolu. Dan l-artikolu jista' jigi applikat biss mill-Qrati ta' kompetenza kriminali u mhux minn dan it-Tribunal.

Illi finalment it-Tribunal josserva illi r-rikorrent mhux qieghed jikkontesta l-imposizzjoni tal-punti ta' penali u kwindi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, huwa seta' jappella l-iskwalifika mil-licenzja tas-sewqan, dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda decizjoni x'jirrevedi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qieghed jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jiddikjara illi huwa mhuwiex kompetenti *ratione materiae* biex jiehu konjizzjoni tar-rikors intavolat mir-rikorrent fil-31 ta' Awwissu 2018.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[1] Ara nota tar-rikorrent tat-12 ta' Ottubru 2018 a fol. 19